KLR 74/VII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 24 t'April 2019 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA: Il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membri skużati.

**74.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**74.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku beda billi qal li din hi l-aħħar laqgħa fejn jista' jirringrazja lil dan il-Kunsill għalkemm jibqa' Sindku tal-Belt Victoria sal-aħħar ta' Ġunju 2019. Kien ta' pjaċir għalih li ħadem f'dan il-livell tant qrib il-poplu għal 13 'il sena, tlett snin bħala kunsillier (2003-2006) u għaxar snin bħala Sindku (2009-2019). Mhux dejjem kien hemm il-qbil, iżda dan hu li jagħmel il-Kunsill dak li hu. Hu talab skuża ta' fejn żbalja u jħoss li l-esperjenza tax-xogħol tal-Kunsill għalmitu ħafna. Huwa tenna illi ser jibqa' jaħdem viċin il-Kunsilli kollha ta' Għawdex bħala President tar-Reġjun (Għawdex) u tal-Kunsilli u Reġjuni kollha ta' Malta bħal Viċi-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u għandu mandat x'jonora sal-2022. Ser jibqa' ukoll membru tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Eworpea fejn jirrapreżenta lil Għawdex.

Għarraf lill-membri li qed jaħdem fuq ktieb fuq ir-Rabat li ser ikun *limited edition* u b'ritratti ta' Daniel Cilia. Dan jixtieq joffrih rigal lill-membri tal-Kunsill, *staff* u nies li ħadem magħhom f'dan il-kamp. Tenna li din hi inizjattiva privata tiegħu bħala ringrazjament lill-kunsillieri u l-i*staff* u kwalunkwe' spejjes marbuta ma din l-attivita' ser ikoprihom hu personalment. Is-Sindku talab permess lill-Kunsill għal-użu tas-sala tal-Kunsill sabiex jiġi mniedi dan il-ktieb nhar il-Ħadd 9 ta' Ġunju 2019. Il-membri ma sabux oġġezzjoni għal dan u rringrazzjaw lis-Sindku għal-ħidma sfieqa tiegħu b'risq il-Belt Victoria fit-tliet mandati li huwa serva fuq il-Kunsill bħal kunsillier jew Sindku.

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

74.2.1 l-offerta għal ġbir tal-iskart (VLC/05/2019) intefgħet minn KIP Gozo u qedgħa f'fażi ta' aġġudikazzjoni;

74.2.2 rigward l-offerta tat-tindif tat-toroq (VLC/01/2019), tressaq ir-rapport tal-bord u l-membri qablu li l-kunsill joqgħod fuq il-parir tal-bord u l-offerta tingħata lil Nicholas Żammit;

74.2.3 l-kawża li l-ARMS kellha kontra l-Kunsill fir-rigward tal-kont tad-dawl li kien ikopri l-*fairy lights* li kienu saru mir-IV Kunsill intilfet. L-Avukat tal-Kunsill hi tal-parir li jsir Appell fil-Qorti. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jappella;

74.2.4 rigward ir-restawr tan-niċċa ta' Triq Għajn Qatet, l-Awtorita' tal-Ippjanar qed titlob li ssir investigazzjoini fuq iż-żebgħa qabel isir ir-restawr propju;

74.2.5 rigward l-istima tal-protezzjoni kontra n-nar fl-uffiċini aministrattivi tal-Kunsill, l-prezz l-aktar vantġjuż hu ta' 'Firetech' li offrew żewġ opzjonijiet. Il-membri qablu li tintgħażel dik tal-*Conventional Fire Alarm* li tiswa €2,756.97 u wkoll il-*Fire Extingushers & Safety Signs* li tiswa €949.97.

**74.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

74.3.1 Il-Minsiteru għal Ġustizzja u Gvern Lokali rigward:-
74.3.1.i s-'Sustainable Enterpirse Award 2019';
74.3.1.ii l-iskema 'Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni';
74.3.1.iii l-Inizjattiva b'kollaborazzjoni ma 'Heritage Malta – Skema Anzjani'. Il-membri qablu li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-iskema.;

74.3.2 Reġjun Għawdex fejn għarraf lill-Kunsilli Għawdxin li ser tinħareġ offerta waħda għal *Data Protection Officer*. Il-membri qablu li l-kunsill tar-Rabat jagħti kunsens lir-Reġjun sabiex joġħroġ din is-sejħa;

74.3.3 l-Av. Noel Bezzina li kiteb għan-nom ta'ARMS fejn qed jgħidu li l-Kunsill baqagħlu jħallas €407.01 fuq il-*metre* tad-dawl tas-CCTVs ta' Pjazza San Franġisk. L-avukat tal-Kunsill għandha tirrispondi li dan l-ammont mhux dovut peress li s-servizz ta' dan il-kont ġie terminat fit-23 ta' Jannar 2017 wara li tħallsu l-pendenzi kollha tal-istess bilanċ;

74.3.4 l.Av. Renata Farrugia li kitbet għan-nom ta' Georgina Formosa rigward is-*CCTV cameras* li saru fil-*playing field*. Qed jgħidu li dawn il-kameras qed jagtħu fuq il-propjeta' tas-Sinjura Formosa. L-avukat tal-Kunsill ser tirrispondi li dan mhux minnu;

74.3.5 Carmen Grech, Segretarja tal-'Gozo Assocaiton for the Deaf'. Intalab li ssir taħdita għall-anzjani dwar in-nuqqas ta' smigħ u l-implikazzjonijiet tiegħu. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

74.3.6 Charles Bezzina sabiex tissemma triq għal missieru Frank Bezzina (1925-1996). Din ir-rikjesta ser tintbagħat lill-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex;

74.3.7 Anthony Sacco li hu residenti fix-Xewkija u talab permess li jipparkja f'Żona A peress li jieħu ħsieb li oħtu li hi anzjana u tgħix fi Triq San Duminku. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess;

74.3.8 Gerard Camilleri li hu residenti fiż-Żebbuġ u għandu sittin sena. Hu talab li jkollu permess jipparkja f'Żona A. Dan ma ġiex aċċettat peress li m'għandux il-karta tal-identita' fuq ir-Rabat;

74.3.9 Maria Mercieca fejn resqet kopja tal-permess tal-ħanut 'The Takeout' ta' Triq Sir Adrian Dingli kantuneira mat-Tegħa tal-Belt. Qed jintalab li fil-festi jinħariġlu permess ta' kjosk kif isir lill-*outlets* oħra ta' Pjazza Indipendenza li għandhom il-permess tal-*catering*. Il-membri ma sabux oġġezzjoni li jinħareġ il-permess fuq il-bankina quddiem il-bieb tal-ħanut, kif jinħareġ lill-ħwienet oħra.

### 74.4 Pjazza Santu Wistin

74.4.1 Is-Sindku qal li bħalissa qed isir ix-xogħol fuq l-*updating* tat-*3D rendering* tal-proġett.

74.4.2 Tressaq ir-rapport tal-bord rigward l-offerta għall-pavimentar ta' Pjazza Santu Wistin u Pjazzetta fuq it-Tomba. Skont dan ir-rapport, l-offerta għandha tingħata lill-'GTG Joint Venture'.

### 74.5 Immaniġjar tat-Traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

74.5.1 *one metre double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx 'Our Son' fi Triq Aniċi;

74.5.2 parkeġġ riservat quddiem l-iskola primarja fi Triq Vajrinġa;

74.5.3 *double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq Enriko Mizzi ma Triq Karolina Cauchi;

74.5.4 *double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq Vajrinġa ma Pjazza Santu Wisitn;

74.5.5 *double yellow lines* fi Triq Librerija;

74.5.6 *double yellow lines* fi Triq Dun Pawl Micallef fil-parti fejn tidjieq it-triq.

TM ma ħarġitx il-permess għall:-

74.5.7 *pedestrian area* fi Triq l-10 ta' Ġunju 1887;

74.5.8 *un/loading bay* quddiem 'Trilogy of Wellbeing' fi Triq Sant Martha.

74.5.9 TM għarrfet lill-Kunsill li l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' li kien quddiem blokk HB f'taċ-Ċawla H.E., tneħħa minħabba li l-perusna li kienet applikat għalih m'għadiex tgħix f'dan il-blokk.

74.5.10 Il-membri qablu li jintalab il-parir ta' TM sabiex, jekk hemm lok, issir *pedestrian crossing* fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II.

74.5.11 Tressqet korrispodenza mingħand Ian Foster li jgħix fi Sqaq numru 1 fi Triq Librerija. Qed jitlob li jsiru *double yellow lines* quddiem l-isqaq minħabba li qed jipparkjaw fil-bokka ta' dan l-isqaq. Il-membri qablu li jiġi rappurtat lill-awtoritajiet sabiex ma jitħallewx vetturi li jimblukkaw sqaqien.

**74.6 Tarmak fi Triq Ġorġ Pisani**

Intbagħat il-kuntratt lill-Gatt Tarmac Ltd. li hu l-kuntrattur li ħa din l-offerta. Għandu jiġi kkuntatjat sabiex il-kunsill ikun jaf meta ser jinbeda dan ix-xogħol.

**74.7 Jum il-Belt Victoria**

74.7.1 Il-kunsillier Tabone ssuġġerixxa li tingħata l-'Onorefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria' lil Anthony Żammit li kien l-ewwel Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Il-membri qablu u ċ-ċerimonja ser issir fis-sala tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju 2019, meta ser issir l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill.

74.7.2 Il-membri qablu li l-Kunsill ikun wieħed mill-organiżżaturi tal-kunċert tal-ftuħ tal 'Victoria International Arts Festival' u l-ispejjes għandhom ikunu għall-kiri ta' żewġ pjanijiet, l-biljetti tal-vapur u l-kiri tas-siġġijiet.

74.7.3 Il-membri qablu li ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Belt Victoria għandhom ikunu dawn:-

Il-Ġimgħa 3 ta' Mejju – Għoti tal-'Onorefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria' lil ewwel Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Anthony Żammit;

Il-Ħamis 6 ta' Ġunju – 'Leone Goes Pop'

Is-Sibt 8 ta' Ġunju – 'RockAstra'

Il-Ħadd 9 ta' Ġunju – Tnehdija ta' ktieb fuq il-Belt Victoria mis-Sindku liema attivita' l-ispejjes tagħha ser jiġu koperti mis-Sindku personalment.

l-Erbgħa 12 ta' Ġunju – kunċert tal-ftuħ tal-'Victoria International Arts Festival' - Carmina Burana fit-Teatru Astra.

74.7.4 Il-membri qablu fuq suggeriment tas-Sindku li l-kunsillieri eletti wara l-elezzjoni tal- 25 ta' Mejju 2019, għandhom jiġu mistiedna għal dawn l-attivitajiet anke' jekk effettivament il-mandat tat-tmien Kunsill jibda' mill-ewwel ta' Lulju 2019.

**74.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju u Ġunju 2019 skont dokumenti A u B annessi.

**74.9 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

74.9.1 t-trinka tas-servizzi li hemm fi Triq Alfons Maria Ħili tinqata' pulit biex jingħata *cement* ġdid fiha. Dak li hemm inkiser kollu;

74.9.2 titranġa rampa fi Triq Patri Anton Debono biex tiġi pariġġ il-bankini li jmissu magħha.

74.9.3 Dawl tat-Toroq

Il-membri qablu li:-

74.9.3.i teħel bozza temporanja fl-appoġġ tad-djar 25 u 26 fi Triq San Duminku. Dan wara li s-sidien aċċettaw li titpoġġa bozza sakemm jinbena l-post numru 23;

74.9.3.ii ssir bozza ġdida ma arblu eżistenti li hemm fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace li jiġi faċċata ta' fejn tibda Triq Santa Martha;

74.9.3.iii ssir bozza ġdida fl-isqaq ta' Triq il-Mitħna bejn il-bozza numru 320 u l-bozza numru 314.

74.9.3.iv Il-kuntrattur tad-dawl tat-toroq sab oġġezzjoni mir-residenti meta mar ipoġġi l-fanal fejn kien oriġinarjament, cioe' mad-dar 29 fi Triq l-Arċipriet Saver Cassar. Is-sidien ta' dan il-post kitbu li ma jsibux oġġezzjoni li dan il-fanal jitpoġġa mad-dar tagħhom dment li jkun iżgħar milli hu. Il-Kunsill ser jirrispondi li meta jakkwista fanal iżgħar, dan jitpoġġa mad-dar tagħhom. Sadanittant għandu jerġa jmur il-kuntrattur sabiex jaqla' l-fanal minn mad-dar 30 u jerġa jitpoġġa mad-dar 29 fejn kien originarjament.

**74.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 3 ta’ Mejju fis-19.30. Din ser tkun l-aħħar laqgħa ta’ din il-leġislatura.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv